# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 147/2011

## tat-2 ta' Diċembru 2011

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 120/2011 tal-21 ta' Ottubru 2011 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/36/UE tal-1 ta' Ġunju 2010 li temenda d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli u n-normi ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 56f (id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

", kif emendat permezz ta':

— **32010 L 0036**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/36/UE tal-1 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 162, 29.6.2010, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2010/36/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Diċembru 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Kurt JÄGER

([1]) ĠU L 341, 22.12.2011, p. 85.

([2]) ĠU L 162, 29.6.2010, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.